# FAQQUS IL-HMAR

Minn Dr. CHARLES CASSAR,MD.

Il-faqqus il-hmar, jew bil-latin, Echballium elaterium, hija haxixa li tikber f'hafna nhawi ta' dawn il-gzejjer, u toghla l-isjed sa xi 30 centimetru mill-art. Ghandha pil ahrax, u hdura li ma tghajjatx wisq. Tinfirex ma' l-art, u taghmel frotta tawwalija madwar 2 jew 3 centimetri fil-wisgha, u meta trossha bejn subajk, ittik x'tifhem li mimlija bl-ilma. Dan il-faqqus kien jintaghsar u johrog minnu likwidu li jaghti fl-isfar. Fl-imghoddi dan il-likwidu kien jinxtamm meta xi hadd tohroglu l-marda tas-suffejra. X'kien jigri b'dan, wiehed ma jistghax jghid. Is-Sur Frangisk Azzopardi(il-Hamraman) minn Ghawdex, b'dan il-faqqus ghamel xi haga tassew tajba. Minn dan il-faqqus, (li kien tajjeb biss biex jilghabu bih it-tfal) mexxa ghal zmien mhux hazin, speci ta' fabbrika zghira. Kien jaghsar il-faqqus, jevapora l-ilma tieghu fix-xemx, u meta jaghqad iqattghu bicciet zghar daqs 1½cc jew 2cc u jqeghdu f'kaxxa tal-kartun ta' xi 15 X 8 cc. Kull kaxxa kien ikollha erbgha saffi fuq xulxin minn dawn. Dan ix-xoghol kollu tal-faqqus kien jintbghat fil-Germanja biex jinhadem. Jinghad li dawn it-tavoletti kienu jinhadmu f'dak il-pajjiz bhala pilloli u kienu jittiehdu bhala medicina kontra l-kostip azzjoni ghall-ippurgar. Dan ix-xoghol dam sejjer ghal-bosta snin. Dak iz-zmien ix-xoghol kien jithallas bil-hbub, l-isjed jekk il-hlas isir linn-nisa; ghalhekk il-progetti ghal-min ihaddem kienu kbar. Kull medicina hija bhall-moda, tigi u tmur; hekk grali l-faqqus il-hmar ghax dehru medicini ohra u n-negozju tal-faqqus il-hmar u l-esportazzjoni tieghu gew fix-xejn. Izda l-faqqus ghadu jikber xorta wahda, jaghtu kaz tieghu biss it-tfal li jaghfsuh biex ifaqqa'!

---